MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 255/2013

**Alfred Difesa**

**(K.I. Numru 0534849 M)**

**vs**

**Ivan Azzopardi u Carmen Azzopardi Domancich,**

**Il-*General Retailers and Traders Union*,**

**l-Avukat Jan-Karl Farrugia u**

**Carmen Borg, personalment**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi hu jopera bhala bejjiegh minn post fiss, *fixed hawker*, minn gabbana bl-isem *"Music Box"* sitwata barra Bieb il-Belt skont il-ligi;

1.2. Illi l-imsemmija gabbana hi proprjeta` tieghu;

1.3. Illi l-licenzji fir-rigward huma tieghu wkoll u ilu joperhom mill-1987;

1.4. Illi hu qatt ma ttrasferixxa jew assenja xi sehem mill-imsemmija gabbana jew il-licenzi konnessi ma' l-istess xoghol, lil terzi;

1.5. Illi fl-2006 kien dahal *f'management agreement* ma' Achille Pace li fl-2008 kien sostitwit b'Ivan Azzopardi, ghalkemm din is-sostituzzjoni mhix konsolidata bi ftehim skritt;

1.6. Illi fl-2012 il-Gvern, tramite l-"*GRTU"* hareg sejha ghall-offerti biex operaturi tal-gabbani ta' Bieb il-Belt jghazlu bejn zewg alternattivi:

1.6.1. Jew li jinghataw kumpens ta' hamsin elf Ewro, (€50,000.00);

1.6.2. Jew li jinghataw minflok gabbana gdida f'sit allokat lilhom mill-Gvern;

1.7. Illi rinfaccat b'din l-ghazla r-rikorrenti ghazel li jigi allokat gabbana;

1.8. Illi konsegwenza ta' din l-ghazla r-rikorrenti anke iffirma fuq il-pjanta korrispondenti ghas-sit numru tnejn (2) wara li l-istess sit kien gie lilhu assenjat permezz ta' polza appozita;

1.9. Illi klandestinament u bil-konnivenza ta' l-intimati l-ohra Ivan Azzopardi thalla jiffirma fuq l-istess dokument indikat fil-paragrafu precedenti nonostante li:

1.9.1. Lanqas kellu licenzja tal-kummerc appozita;

1.9.2. Lanqas kien prezenti waqt it-tlugh tal-polza u waqt il-process t'assenjazzjoni tas-siti l-godda ghall-gabbani *de quo*;

1.10. Illi r-rikorrenti qatt ma kien mgharraf mir-rikorrenti, (*recte* l-intimati), (ara foll 2, ir-raba` paragrafu), li l-imsemmi Azzopardi kien qieghed jivvanta xi drittijiet possessorji jew pretensjonijiet ohra fuq il-gabbana bl-isem *"Music Box"* fuq gia` riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

1.11. Illi permezz t'ittra datata t-2 t'Ottubru, 2012, ir-rikorrenti avza lill-konjugi intimati Azzopardi li kien ittermina l-ftehim ezistenti bejniethom dwar il-gestjoni tal-gabbana *de quo* b'mod immedjat u li konsegwentement dawn kellhom jivvakaw l-istess gabbana u jikkonsenjawlu c-cwievet tal-istess;

1.12. Illi l-intimati konjugi Azzopardi ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat t'inibizzjoni, Numru 1577/12 biex l-awtoritajiet involuti jigu mizmuma milli jkomplu jipprocessaw l-applikazzjoni ghar-rilokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-gabbani *de quo*;

1.13. Illi dan hu agir kapriccuz, vessatorju, abbusiv u gravament pregudizzjali ghall-interessi tar-rikorrenti;

1.14. Illi ghalhekk id-drittijiet tar-rikorrenti gew uzurpati mill-intimati;

1.15. Illi ghalhekk ukoll ir-rikorrenti sofra pregudizzju kagun ta' negligenza u/jew *dolo* da parti tal-*"GRTU"*, tal-Avukat Dottor Jan-Karl Farrugia u ta' Carmen Borg fil-vesti personali taghhom billi ppermettew u kienu komplici fid-defrawdar tad-drittijiet tar-rikorrenti;

1.16. Illi dan l-agir irreka danni ingenti lir-rikorrenti minhabba telf konsiderevoli ta' qliegh mill-gestjoni tal-gabbana in dizamina;

1.17. Illi ghalhekk ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.17.1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom, responsabbli ghall-agir abbuziv fil-konfront tar-rikorrenti li bil-konsegwenza li l-istess rikorrenti sofra pregudizzju;

1.17.2. Tillikwida d-danni kollha hekk subiti mir-rikorrenti;

1.17.3. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-istess rikorrenti;

1.17.4 Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali involuti, kontra l-intimati;

2.0 Rat ir-risposta guramentata datata l-15 t'April, 2013, li permezz taghha l-intimata Carmen Borg irrispondiet ghat-talbiet tar-rikorrenti sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi hi mhix il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2.2. Illi l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu kontra r-rikorrenti;

2.3. Illi fil-procedura odjerna m'ghandha l-ebda ness guridiku mar-rikorrenti billi:

2.3.1. Ippartecipat fit-trattattivi mal-Gvern fuq il-gabbani ta' Bieb il-Belt fil-vesti taghha ta' ufficjal impjegata ma *Union* rapprezentanti s-sidien tan-negozji u mhux fil-kapacita` personali taghha;

2.3.2. Fuq konferma ta' l-istess rikorrenti, it-talbiet reklamati minnu kellhom isiru mis-socjeta` tieghu *Triton Concepts Company Limited* (C – 16029);

2.4. Illi fil-mertu, l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti indirizzati fil-konfront taghha, huma:

2.4.1. Infondati;

2.4.2. Zbaljati; u

2.4.3. Imsejsa fuq mizinterpretazzjoni grossolana tal-fatti;

2.5. Illi l-intimata Borg m'ghandiex ghalhekk tinzamm responsabbli ghal ebda agir abuziv u ghad-danni konsegwenzjali ghall-istess;

2.6. Illi r-rikorrenti ghandu jipprova li l-intimata Borg iddefrawdat il-jeddijiet tieghu, b'mod li ikkagunatlu telf ta' qliegh u profitti mill-gabbana *"Music Box"* fis-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin elf, hames mija u hamsa u erbghin Ewro, (€275,545.00), meta din ilha snin twal issullokata lill-intimat Azzopardi;

2.7. Illi *di piu`*, f'dan ir-rigward jirrizulta wkoll li f'Jannar, 2011, il-Kummissarju tal-Artijiet kien ukoll hareg Ordni ta' Zgumbrament kontra l-okkupant tal-istess gabbana;

2.8. Illi meta l-*"GRTU"* saret taf li kien hemm kontestazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimati Azzopardi fuq il-gabbana in dizamina, l-istess *"Union"* astjeniet milli tidhol fl-istess kontroversja;

2.9. Illi ghall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti fir-rigward, kien ix-xoghol siewi ta' l-intimata odjerna u ta' l-intimat Avukat Dottor Farrugia li wassal lill-Gvern biex jaccetta li jaghti kumpens lill-operaturi tal-gabbani *de quo* – inkluz lir-rikorrenti, *proprio* jew *nomine* – li fil-gabbana in dizamina hu kien effettivament biss *"squatter"*;

2.10. Illi l-unika vertenza li ghandha tigi rizolta hi dik bejn ir-rikorrenti u l-intimati Azzopardi, senjatament min mill-istess, ghadu d-dritt li jgawdi mill-offerta governattiva fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.), aktar qabel), *stante* li r-rikorrenti kien issulloka il-gabbana in dizamina lill-intimati konjugi Azzopardi;

2.11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Rat ir-risposti guramentati tal-intimati *“GRTU”* u ta’ L-Avukat Dottor Jan-Karl Farrugia wkoll datati l-15 t’April, 2013, li a skans to repetizzjoni inutili u ta’ dilungar bla bzonn, jigi dikjarat li jirrispekkjaw verbatim ir-risposta guramentata ta’ l-intimata Borg u li ghalhekk qed issir ampja referenza ghall-istess kif fuq sintetikament esposta, (ara paragrafu numru tnejn, (2), aktar qabel), anke fil-konfront ta’ dawn l-imsemmija intimati;

4. Tirrileva f’dan ir-rigward illi kieku l-intimati involuti pprezentaw dokument uniku konguntiv ghar-risposta taghhom, allura l-procedura kienet tkun ukoll ferm anqas finanzjarjament dispendjuza;

5.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-23 t’April, 2013, li permezz taghha l-intimati konjugi Azzopardi sintetikament irrispondew is-segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:

5.1. Illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li:

5.1.1. L-intimat intavola proceduri kontra il-Ministeru ikkoncernat li ghadhom pendenti;

5.1.2. Ghalhekk ma jistghax jinghad li l-intimat hu passibbli ghal azzjoni ta’ danni;

5.1.3. Ma’ intavola l-ebda mandat kontra r-rikorrenti;

5.1.4. Il-Gvern m’allokax il-gabbana *de quo* lir-rikorrenti li sallum, l-istess rikorrenti ghad m’ghandu l-ebda jedd fuq il-gabbana in dizamina;

5.2. Illi ghalhekk jitolbu li jkunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

5.3. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma bbazati fuq fatti illeciti u llegali, u ghahekk ma jaghtu bidu ghall-ebda drittijiet favur ir-rikorrenti;

5.4. Illi l-intimati, (*recte r-rikorrenti*), kien *"squatter"* jokkupa proprjeta` tal-Gvern illegalment;

5.5. Illi bir-raggiri tar-rikorrenti l-intimati Azzopardi hallsu ammonti kbar ta' flus biex joperaw il-gabbana in dizamina;

5.6. Illi meta l-Gvern habbar li ried inehhi l-kjoskijiet kollha ta' Bieb il-Belt offra l-opzjoni lil min kien involut li:

5.6.1. Ihallas kumpens to' hamsin elf Ewro, (€50,000.00), jew

5.6.2. Jaghti *"right of first refusal"*;

5.7. Illi l-*"GRTU"* kienet inkarigata mill-Gvern biex tepura l-kwistjonijiet amministrattivi in kwistjoni;

5.8. Illi l-gabbana *“Music Box”* in dizamina kienet qed tigi gestita mill-intimat Azzopardi;

5.9. Illi r-rikorrenti Difesa ma kienx qed jiggestixxi il-gabbana *de quo*;

5.10. Illi kien ir-rikorrenti *de quo* li kien qieghed jabbuza mis-sitwazzjoni illecita a skapitu tal-intimat Azzopardi;

5.11. Illi l-Gvern kellu dritt ifassal il-politika tieghu fir-rigward tal-progett ta’ Bieb il-Belt;

5.12. Illi l-Gvern habbar li kien qed jirrikonoxxi lill-persuni li kellhom il-gestjoni fizika u attwali tal-gabbani in dizamina;

5.13. Illi f’dan ir-rigward ir-rikorrenti Difesa kien estraneu ghall-istess;

5.14. Illi l-procedura inizjata mir-rikorrenti flimkien mas-sekwestru ghall-kwart ta’ miljun Ewro, (€250,000.00), minnhu wkoll mahrug, huma intizi biex jivvessaw u jbezzghu lill-intimati;

5.15. Illi l-intimat Azzopardi kien ilu jiggestixxi l-gabbana *de quo* ghal madwar hames (5) snin u kien ihallas it-taxxa kollha dovuta;

5.16. Illi r-rikorrenti m'ghandu l-ebda dritt fuq il-gabbana *de quo* u sahansitra anke inhareg ordni ta' zgumbrament fil-konfront tieghu;

5.17. Illi l-aktar li jista` jinghad f'dan ir-rigward favur ir-rikorrenti Difesa hu li kien *"squatter"* tal-istess gabbana;

5.18. Illi l-intimat Azzopardi kien iffirma polza ghall-gabbana in kwistjoni;

5.19. Illi immedjatament qabel ma' l-intimat Azzopardi beda jiggestixxi l-gabbana *de quo*, kien Achille Pace li kien iggestiha u mhux ir-rikorrenti;

5.20. Illi nonostante li r-rikorrenti Difesa jista` jkollu licenzja tal-kummerc, dan ma jfissirx li ghandu xi dritt jeskludi lill-intimat Azzopardi mid-dritt li jiehu l-optzjoni lilhu moghtija mill-Gvern;

5.21. Illi l-intimati Azzopardi ma ikkawzaw l-ebda danni lir-rikorrenti;

5.22. Salv eccezzjonijiet ohra;

6. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentati legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jindirizzaw l-eccezzjonijiet preliminari sollevati u konsegwentement ordnat il-kapovolgiment tal-provi, (ara foll 38);

7. Rat in-nota guramentata tar-rikorrenti datata it-28 ta’ Gunju, 2013, li permezz taghha ceda il-kawza limitatament fil-konfront ta’ l-intimati Ivan u Carmen konjugi Azzopardi, (ara foll 48);

8. Semghet ix-xhieda prodotta limitatament ghal dak indikat fil-paragrafu precedenti;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

10. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli raprezentant legali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

11. Illi jigi immedjatament sottolineat li din hi sentenza ta’ natura preliminari kif indikata wara d-digriet datat il-15 ta’ Mejju, 2013, fuq riferit, (ara paragrafu numru sitta, (6), aktar qabel;

12. Illi *di piu`*, l-istess procedura, wara in-nota ta’ cessjoni indikata fil-paragrafu numru sebgha, (7), aktar qabel, hi issa limitata fil-konfront tal-*“GRTU”*, Carmen Borg u l-Avukat Dottor Jan-Karl Farrugia;

13.0. Illi f’dan ir-rigward l-imsemmija intimati indikati fil-paragrafu precedenti lkoll jissollevaw is-segwenti eccezzjoni preliminari li ghalkemm hi eccezzjoni unitarja hi effettivament diviza f’diversi testati, senjatament fis-segwenti:

13.1. Illi l-intimati rimanenti m'humiex il-legittimi kontradditturi;

13.2. Illi fil-vertenza in dizamina ma hemm l-ebda rabta guridika bejn l-intimati u r-rikorrenti, u dan, *stante*:

13.2.1. Illi l-intimati kienu involuti fit-trattattivi mal-Gvern ghall-ghoti ta' kumpens jew ta' gabbana gdida lill-membri tal-*"Union" de quo.*

13.2.2. Illi l-intimati Borg u Farrugia kienu hemm qed jagixxu fil-vesti taghhom t'impjegati tal-istess *"Union"* u mhux fil-vesti personali taghhom;

13.2.3. Illi l-*"Union" de quo* tirrapprezenta lis-sidien tan-negozji zghar;

13.2.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti kelhom isiru mis-socjeta` tieghu *Triton Concepts Company Limited*;

13.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi minn analisi tax-xhieda prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi fil-perjodu in dizamina il-Gvern jirrizulta li bhala parti mir-ristrutturazzjoni ta' Bieb il-Belt, beda jirrazjonalizza l-gabbani hemm sitwati;

14.2. Illi ghalhekk informa b'dan l-iggesturi tal-gabbani tal-imhawi li minn-naha taghhom irrikorrew ghand il-*"GRTU"* biex tmexxihom hi, (ara foll 41);

14.3. Illi f'dawn il-laqghat organizzati appozitament ghall-membri taghha kolpiti b'dan l-izvillup, ghal *"GRTU"* kienu wkoll jidhru l-intimati Borg u Farrugia, fil-kapacita` taghhom t'impjegati tal-istess *Union* (ara foll 41, 43 ,45 u 46);

14.4. Illi *di piu`*, l-indirizz elettroniku riskontrat in atti appartenenti lill-intimati Borg u Farrugia jittradixxi bl-akbar mod esplicitu li dawn ma kienux qed jadoperaw ruhhom b'mod personali izda bhala impjegati tal-*"GRTU"*, (ara foll 64, 74, u 82 fejn l-indirizz elettroniku ta' l-intimata Borg hu Carmen.borg@grtu.mt u tal-intimat Farrugia hu admin@grtu.eu);

14.5. Illi fejn l-intimat Farrugia jutilizza l-indirizz elettroniku professjonali personali tieghu hemm espressament indikat li l-azzjoni qed titiehed fi hdan il-*"GRTU"*, (ara foll 80);

14.6. Illi aktar minn hekk, il-fatt li n-negozjati u l-gestjoni tal-assenjazzjoni tal-gabbani in dizamina ma kienitx qed tigi gestita mill-intimati Borg u Farrugia personalment tirrizulta assodata wkoll mid-deposizzjoni ta' John Debono rilaxxata minnu fi procedura ohra fejn jikkonferma li din kienet gestita mill-*GRTU*, (ara foll 93 u 94);

14.7. Illi nonostante cio`, in-negozjati veru u proprju kienu qed jigu determinati mill-Gvern tramite l-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni li effettivament l-istess rikorrent odjern Difesa kien originarjament intavola procedura legali kontra tieghu fir-rigward, (ara foll 30);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku:

15.1. Illi l-*"GRTU"* kienet giet inkarigata mill-membri taghha biex tirrapprezenthom fin-negozjati li kienu gew rezi indispensabbli minhabba l-izviluppi konsegwenzjali ghall-progett ta' Bieb il-Belt;

15.2. Illi l-intimati Borg u Farrugia jirrizultaw li huma biss impjegati tal-istess *GRTU*, ta' l-ewwel bhala ufficjal amministrattiv u ta' l-ahhar bhala rapprezentant legali tal-istess;

Ikkunsidrat:

16. Illi fir-rigward tal-ambitu professjonali fuq riferit issir referenza ghal sentenza tal-**Qorti tal-Appell Civili** fl-ismijiet **Spiridione Zammit vs. Dr. Antonio Caruana**, datata **l-4 ta' Dicembru, 1957**, **(Volum XL1. I. 578)**:

> "... quando si commette ad una persona di fare una cosa nel corso della professione che esercita senza espresso limitazione di facolta`, si presume che le sia accordata la facolta` di fare tutto cio` che e` necessario per le esecuzione del mandato" (Vol. XXV – 1 – 597; Vol XXIX – II – 968);

17. Illi gie wkoll ritenut mill-istess Qorti, **(Vol. XXX – 1 – 625),** li l-inkarigu li jassumi l-avukat biex jippatrocina lill-klijent hu inkarigu ghal kollox *sui generis*, li javvicina lill-lokazzjoni d'opera u lill-mandat, (ara **Zammit vs Caruana** citata fil-paragrafu precedenti, pagna 578);

18. Illi kif jirritjeni l-Fadda, *voce "Avvocato"*, no.4: (ibid. pagna 578 ukoll),

> " ... l'esercizio dell'avvocatura non e` mandato, ne` una locazione d'opera, benche` sia a questa che a quello si avvicini, esso e` un ufficio di valore inestimabile, allo cui retribuzione provvedeva la legge speciale – para. 10. Digesto De Extraordinaria Cognitione",

19. Illi l-istess **Qorti ta' l-Appell** fuq citata tkompli tespandi s-sitwazzjoni bil-mod segwenti: (ara foll 578):

> "... Dawn il-Qrati, minn zmien twil, irritenew li 'l'avvocato non ha bisogno di provare l'incarico, dovendo bastare la suo assertazione circa tale incarico ... la colpa come elemento per la rifazione dei danni non si verifica nell'avvocato o altro consulente legale per cio` che il giudizio da lui espresso viene dal tribunale riconosciuto erroneo, ammenoche` l'errore non sia cosi manifesto da

essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacita`", (ara wkoll il-kazistika kopjuza hemm indikata);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi stabbiliti il-principji regolatorji in materja wiehed issa obligat janalizza l-operat riskontrat fir-rigward fejn sintetikament jirrizulta is-segwenti:

20.1. Illi l-*"GRTU"* ma kellha l-ebda interess fil-vertenza in dizamina hlief li kienet inkarigata mill-membri taghha biex tinnegozja f'isimhom mall-Ministeru ikkoncernat fuq indikat biex il-vertenza *de quo* titmexxa bl-ahjar mod possibbli fl-interess tal-istess membri;

20.2. Illi l-intimati Borg u Farrugia jirrizultaw li kienu, ta' l-ewwel inkarigati mix-xogholijiet amministrattivi involuti, u tal-ahhar, biex jassisti lill-membri tal-*Union* fin-negozjati hekk kondotti;

20.3. Illi ghal dak li jirrigwarda lill-intimata Borg ma jirrizultax li din kellha xi inkarigi ezekuttivi u allura l-operat taghha kien limitat ghall-inkarigu amministrattiv fuqha impost;

20.4. Illi bl-eccezzjoni tar-rikorrenti odjern hadd mill-partecipanti l-ohra fin-negozjati in dizamina ma ivvanta xi ilment fil-konfront tal-imsemmija intimata Borg;

20.5. Illi *di piu`* fl-operat taghha fir-rigward tirrizulta li l-intimata Borg dejjem agixxiet ghan-non u in rapprezentanza tal-*GRTU* u ma jirrizultax li agixxiet f'isimha proprju jew ghal xi interess, okkult jew mhux, taghha personalment;

20.6. Illi ghar-rigward tal-intimat Farrugia dan ukoll ma jirrizultax li kien qed jagixxi bhala *libero professjonista* izda bhala r-rapprezentant legali tal-*GRTU* li maghha hu impjegat;

20.7. Illi *di piu`*, fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu u fil-qadi tad-dmirijiet legali tieghu lejn il-*GRTU* u l-membri taghha, ma jirrizultax li kien responsabbli ghal zball manifest tant li jkun kolpit b'injuranza colpusa u b'inkapacita` evidenti;

Ikkunsidrat:

21. Illi ghalhekk minn ezami tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti ghandu jirrizulta pacifiku li l-intimati Borg, Farrugia u l-istess GRTU, ma kellhom l-ebda funzjoni esekuttiva fin-negozjati in dizamina kondotti mal-Ministeru kkoncernat, izda kellhom biss funzjoni amministrattiva u organizzattiva biex b'hekk jorganizzaw

ahjar u jagevolaw lill-membri taghhom fit-trattattivi li dawn kellhom mal-imsemmi ministeru;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati rimanenti ppruvaw l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom u konsegwentement:

22.1. Takkolji din l-ewwel eccezzjoni taghhom minnhom sollevata;

22.2. Tiddikjara ghalhekk li l-intimati *General Retailers and Traders* Union, l-Avukat Jan-Karl Farrugia u Carmen Borg personalment m'humiex il-legittimi kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti Alfred Difesa;

22.3. Tillibera lill-istess fuq imsemmija intimati mill-osservanza tal-gudizzju;

22.4. Illi rigward il-kap tal-ispejjez taghmel referenza ghall-paragrafi numri tlieta, (3), u erbgha, (4), aktar qabel fejn ir-ripetizzjoni kwazi identika tar-risposta guramentata tal-intimati *de quo* setghet facilment tigi evitata biex b'hekk jigu anke minimizzati spejjez inutili, u konsegwentement, filwaqt

li tiddikjara li l-ispejjez tal-procedura odjerna ghandhom jigu subiti mir-rikorrenti Alfred Difesa, pero` dawk rigwardanti l-intimati ghandhom ghal finijiet ta' spejjez dovuti, jinhadmu daqs li kieku gewipprezentati f'risposta guramentata wahda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------